~~rgulitu tħajjar jarġa' jmur iżur il-għar u n-naħa fejn kienet ħaditu u ħbietu ommu f'torbitu, u kif kien hemm in-nies semgħet bih u marret lejh, u f'dak il-Għar raġa' qagħad għal xi ftit~~

~~żmien, jgħallimhom fuq il-miġja tal-ta jidher il-Bambin, ikunu mħejjijin. Messija u jħajjarhom għat-tewba u jgħammidhom f'dik il-menqa, biex me-~~

~~FRA ŻAKKARIJA, O.F.M.~~

# ABU-GOXX

Il-Palestina, meta tkun sejjer minn Ġerusalem għal Ġaffa, ftit fuq id-disa' mili bgħid minn Ġerusalem, max-xellug tat-triq, hemm raħal ħelu manna. Fih qatiegħ djar żgħar tal-Għarab, qalb is-siġar, u ma' dwaru raba tajjeb, iħaddar is-sena kollha, għax dik in-naħa fiha l-ilma, ħaġa kbira f'dawk l-artijiet. Qrib it-triq jidher bini kbir u qadim, magħmul minn knisja u Dejr nofsu ħerba, li dari kien tal-Franġiskani, li wara s-sultan tat-Torok ħadulhom u m'ilux wisq tah lill-Benedittini Franċiżi, li sewwewh u kabbruh u marru jgħammru fih.

Dan ir-raħal, ismu sewwa huwa Kirjet il-Għeneb, imma minn xi mitt sena 'l hawn, jissemma l-aktar Abu-Goxx, li jfisser: *missier it-taqriq* (bil-Malti, bdiel *taqriq*, ġie li ngħidu kelma bħalha, imma l-G nibdluha mal-H). Dan l-isem ingħata lil dak ir-raħal, għax għal ħabta tal-aħħar snin tal-1700 u l-ewwel snin tal-1800, ir-rajjes, jew Muħtar tiegħu kien raġel mill-agħarr. Billi dan ir-raħal qiegħed għalieh waħdu fuq it-triq bejn Ġerusalem u Ġaffa, kull min jgħaddi minn hemm, il-Muħtar Mislem, Osman imlaqqam Abu-Goxx kien jaqbdu u jżommu u jġiegħlu jħallas talli għadda minn dik it-triq, bħal kieku kienet tiegħu. U jekk dak li jkun ma jkollux biex iħallas, kien ineżżgħu, jeħodlu ħwejġu, jagħtih xebgħa kurbaġ, imbagħad iħallih imur.

Jekk Abu-Goxx kien daqs hekk kiefer mal-Għarab Misilmin sħabu, aħseb u ara x'kien mal-Insara, u l-aktar mar-Rħieb Franġiskani, li dak iż-żmien ma kienx għad hemm ħliefhom il-Palestina. Il-Franġiskani, billi kienu jafu bih, kienu huma u ġejjin minn Ġaffa, jaraw kif jagħmlu u jgħaddu mill-ibrar u x-xori, għad li jtawwlu t-triq, biex nies Abu-Goxx ma jarawhomx. Imma kull meta kienu jintebħu bihom, kienu jaqbduhom, jorbtulhom idejhom warajhom, u jkarkruhom mill-kurdun lejn ir-raħal. Hemm kienu jwaqqfuhom fil-*ġrun* (jiġifieri fil-misraħ) u jiġbru r-raħal kollu, kbar u żgħar, u joqogħdu jgħaddu ż-żmien bihom, jagħtuhom bil-ħarta, inittfulhom ix-xagħar ta' lħithom, jobsqulhom f'wiċċhom, u wara li jixbgħu u jgħejjew, jew jidħol il-lejl, jaqfluhom ġewwa t-tabun (it-tabun ikun girna żgħira, li fiha jkun hemm donnu forn, li l-Għarab jaħmu l-ftajjar fih). Imbagħad jibgħatu lil xi raġel fosthom jgħarraf lil Kustodju tal-Franġiskani f'Ġerusalem li Abu-Goxx għandu f'idejh xi rħieb minn tiegħu, u li kien bi ħsiebu joqtolhom jekk ma jibgħatx jifdihom sa tlett ijiem.

Hekk il-Kustodju kien jieħu miegħu xi rġiel u jmur ir-raħal ta' Abu-Goxx u jifdi lill-imsejkna rħieb, bi flus li drabi kien ikun issellifhom minn xi mkien. Imma kien ikun qisu dejjem għal xejn, għax ir-Rħieb, bejn bil-ġugħ ta' tlett ijiem, jew aktar, bejn bix-xbiegħi li jkunu qalgħu, u bejn bil-qatgħa li ħadu, kienu aktarx li jibqgħu jninu u jmutu wara ftit.

Dan ix-xogħol minn Abu-Goxx u wliedu dam sejjer sas-sena 1830. Għax dik il-ħabta kien rajjes ta' Ġerusalem wieħed ras kbira Tork, minn Ċipru, jismu Meħmet Kubrusli. Billi kien Ċipru, u f'Ċipru hemm ħafna Nsara, Meħmet lil dawn kien iġibhom m'hux ħażin.

Mela fis-sena li semmejna, il-Għarab ta' Abu-Goxx qabdu żewġt Irħieb quddiemu x'għamluhom liż-żewġ Franġiskani u li riedu l-flus biex jitilquhom mill-ġdid. Il-Ħakem saqsa lill-Għarbi: "Kemm flus tridu?" u dak wieġeb: "Ħames mitt girx." "Tajjeb," wieġeb il-Ħakem, "ħames mija tridu, u ħames mija sa nibgħatilkom." Għal hekk ordna malajr li jiġu ħames mitt suldat armati u jitilqu lejn Abu-Goxx.



Ir-raħal ta' Abu Goxx. Fil-lemin, fuq il-għolja jidher id-Dejr ta' Foederis Arca, fejn jingħad li waqfet l-Arka tal-Liġi meta telquha l-Filistin.

Franġiskani u bħal ma dari, wara li qagħdu jsawwtuhom u jitmasħru għaliehom, bagħatu wieħed jgħid lil Kustodju biex imur jifdihom b'ħames mitt girx. Il-Kustodju għamel ta' bir-ruħu li sejjer jissellef il-flus u ħa miegħu lil Għarbi li kien ġieb il-ħxara. Ħadu għand il-Ħakem u ġiegħlu jgħid

Is-suldati waslu. Tlet mija dawwru r-raħal u l-mitejn l-oħra daħlu ġewwa. Qabdu lil Abu-Goxx u qrabatu kollha u rabtuhom, u ħaduhom lejn Ġaffa, u x'sar minnhom s'issa ma jaf ħadd. U hekk Abu-Goxx intemm, imma l-isem baqa'.

FRA PIET.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Tul il-bâl, jaħidd il-ġbâl.* Bis-sabar twitti l-iġbla. Jiġifieri, bis-sabar tagħmel ħwejjeġ kbar li ma jitwemmnux.

*Il-kâxef il-għajjub, jaqta' l-imħabba mill-qlub.* Dak li jikxef il-għajb ta' għajru, iġiegħel lil min jobgħodu.

*Min iħâf minn el-faqar, jgħix fihu.* Min jibża' mill-faqar, jgħix fih. Għax jibda jonfoq ftit u jgħix fil-għaks, bħal min ma jkollux flus.

*Għakim, hu karim.* Min ma għandux tfal, iħobb iferraq ġidu. Qawl li għan-naħa tagħna ma hux wisq minnu, għax ħawn ħafna li ma għandhomx tfal u b'dana kollu huma xħaħ.